II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Settembru 2008

li tfassal il-formola standard għar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 5123)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/810/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/25, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq [2],

Billi:

(1) Il-formola standard imsemmija fl-Artikolu 17 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 561/2006 għandha titfassal bħala mezz li bih l-Istati Membri jikkomunikaw mal-Kummissjoni, kull sentejn, l-informazzjoni neċessarja għall-preparazzjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament, tar-Regolament (KEE) Nru 3281/85 u dwar l-iżviluppi fl-oqsma in kwistjoni.

(2) Il-formola standard stabbilita qabel mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/173/KEE [3] għandha issa tiġi aġġornata sabiex tqis, fost l-oħrajn, l-iżvilupp fir-regoli Komunitarji dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi tal-mistrieħ.

(3) Ir-rekwiżiti ġodda tar-rappurtar stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 561/2006 u d-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni jkopru b'mod partikolari l-informazzjoni dwar eċċezzjonijiet nazzjonali mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u dettalji aktar preċiżi dwar verifiki li jseħħu fuq il-vetturi.

(4) Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 Directive 2002/15/KE of the European Parliament and of the Council of 11 March 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq [5] tikkumplimenta d-dispożizzjonijiet dwar il-ħin tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006.

(5) Skond l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2002/15/KE, għandu jsir kull sentejn mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva. Il-perjodu ta' sentejn għandu jkun l-istess bħal dak li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

[1] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
[2] ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 72, 25.3.1993, p. 33.
[4] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.
[5] ĠU L 80, 23.2.2002, p. 35.

(6) Jixraq għalhekk li, għal raġunijiet ta' konvenjenza amministrattiva u monitoraġġ effettiv tal-impatt tar-regoli Komunitarji f'dan il-qasam, jiġi pprovdut għall-inklużjoni ta' din l-informazzjoni fil-formola standard,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-formola standard imsemmija fl-Artikolu 17 (1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 għandha titfassal skont il-kampjun fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 93/173/KEE hija b'dan imħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President

ANNESS

formola standard għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, ir-Regolament (KEE) Nru 3821/85 u d-Direttiva 2002/15/KE, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/15/KE

1. STAT MEMBRU

2. PERJODU TA' REFERENZA

(l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006)

Minn (data):

Sa (data):

3. KALKOLU TAL-KONTROLLI MINIMI LI GĦANDHOM ISIRU

(L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/22/KEE)

(a) Numru ta' ġranet maħduma min kull sewwieq tul il-perjodu ta' referenza. .....

(b) Numru totali ta' vetturi soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 561/2006. .....

(c) Numru totali ta' ġranet maħduma [(a) x (b)]: .....

(d) Kontrolli minimi [2 % ta' (c) mill-1 ta' Jannar 2008, 3 % minn Jannar 2010]: .....

4. KONTROLLI MAT-TRIQ

4.1. *Numru ta' sewwieqa kkontrollati mat-triq skont il-pajjiż tar-reġistrazzjoni u t-tip ewlieni tat-tagħbija*

Tip ewlieni ta' tagħbija	UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi Terzi
	Ċittadini	Non-ċittadini	
Trasport ta' passiġġieri			
Trasport ta' merkanzija			
Total			

4.2. *Numru ta' vetturi mwaqqfa għal kontroll mat-triq skont it-tip ta' triq u l-pajjiż tar-reġistrazzjoni*

It-tip ta' triq	A	B	BG	CY	CZ	D	DK	E	EST	F	FIN	GB	GR	H	I	IRL	L
Awtostrada																	
Triq nazzjonali																	
Triq sekondarja																	

It-tip ta' triq	LT	LV	M	NL	P	PL	RO	S	SK	SLO	FL	IS	N	CH	Oħrajn	Total
Awtostrada																
Triq nazzjonali																
Triq sekondarja																

4.3. *Numru ta' vetturi mwaqqfa għal kontroll mat-triq skont it-tip ta' takografu*

Tip ta' takografu	UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi terzi
	Ċittadini	Non-ċittadini	
Analoġiku			
Diġitali			
Total			

Jekk l-istatistiċi nazzjonali jippermettu, imla wkoll it-tabella taħt billi tagħti ċ-ċifri eżatti fir-rigward tal-vetturi mgħammra bit-takografu diġitali:

(a) Numru ta' vetturi mgħammra b' takografu diġitali	
(b) Sehem ta' vetturi mgħammra b' takografu diġitali fi flotta totali ta' vetturi soġġetti għar-Regolamenti	

4.4. *Numru ta' jiem ta' xogħol ikkontrollati mat-triq skont il-pajjiż tar-reġistrazzjoni u t-tip ewlieni tat-tagħbija*

Tip ewlieni ta' tagħbija	UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi terzi
	Ċittadini	Non-ċittadini	
Trasport ta' passiġġieri			
Trasport ta' merkanzija			
Total			

4.5. *Infrazzjonijiet – għadd u tip tal-infrazzjonijiet irreġistrati mat-triq*

(R – ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, D – ksur tad-Direttiva 2006/22/KE)

Artikolu	Tip ta' infrazzjoni	Trasport ta' passiġġieri			Trasport ta' merkanzija		
		UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi Terzi	UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi Terzi
		Ċittadini	Non-ċittadini		Ċittadini	Non-ċittadini	
R 6	Ħin tas-sewqan: — limitu ta' kuljum — limitu ta' kull ġimgħa — limitu kull ħmistax						
R 6	Nuqqas ta' rekords għal xogħol ieħor u/jew disponibbiltà						
R 7	Pawżi fil-ħin ta' sewqan (sewqan ta' aktar minn 4.5 siegħa mingħajr pawża jew b'pawża qasira wisq)						
R 8	Perjodi ta' mistrieħ: — minimu ta' kuljum — minimu ta' kull ġimgħa						

Artikolu	Tip ta' infrazzjoni	Trasport ta' passiġġieri			Trasport ta' merkanzija		
		UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi Terzi	UE/ŻEE/Żvizzera		Pajjiżi Terzi
		Ċittadini	Non-ċittadini		Ċittadini	Non-ċittadini	
R 10 & 26	Rekords tal-ħin tas-sewqan: — sena (1) għaż-żamma tad-dejta — rekords għat-28 jum ta' qabel Rekords tal-Ħin tal-Ħidma						
D Anness I A	Tagħmir għar-reġistrazzjoni — ma jkunx jaħdem sew it-tagħmir — użu ħażin jew tbagħbis tat-tagħmir tar-reġistrazzjoni						

5. KONTROLLI FL-ISTABBILIMENT TAL-IMPRIŻA

5.1. *Numru ta' sewwieqa kkontrollati u numru ta' jiem ta' xogħol ikkontrollati fl-istabbiliment tal-impriża:*

Tip ta' tagħbija	Numru ta' sewwieqa kkontrollati	Numru ta' jiem ta' xogħol ikkontrollati
I. *Tipoloġija*		
Trasport ta' passiġġieri		
Trasport ta' merkanzija		
II. *Tipoloġija*		
Trasport għall-kiri jew għal terzi		
Trasport għal kont proprju		

5.2. *Infrazzjonijiet – għadd u tip tal-infrazzjonijiet irreġistrati fl-istabbiliment*

(R – ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006, D – ksur tad-Direttiva 2006/22/KE)

Artikolu 1	Tip ta' offiża	Trasport ta' passiġġieri	Trasport ta' merkanzija
R 6	Ħin tas-sewqan: — limitu ta' kuljum — limitu ta' kull ġimgħa — limitu kull ħmistax		
R 6	Nuqqas ta' rekords għal xogħol ieħor u/jew disponibbiltà		
R 7	Pawżi fil-ħin ta' sewqan (sewqan ta' aktar minn 4.5 siegħa mingħajr pawża jew b'pawża qasira wisq)		
R 8	Perjodi ta' mistrieħ: — minimu ta' kuljum — minimu ta' kull ġimgħa		

Artikolu 1	Tip ta' offiża	Trasport ta' passiġġieri	Trasport ta' merkanzija
R 10 & 26	Rekords tal-ħin tas-sewqan: — sena (1) għaż-żamma tad-dejta — rekords għat-28 jum ta' qabel		
D Anness I	Tagħmir għar-reġistrazzjoni — ma jkunx jaħdem sew l-apparat — użu ħażin jew tbagħbis tat-tagħmir tar-reġistrazzjoni		

5.3. *Numru ta' impriżi u sewwieqa kkontrollati fl-istabbiliment skont id-daqs tal-flotta tal-impriża*

Daqs tal-flotta	Numru ta' impriżi kkontrollati	Numru ta' sewwieqa kkontrollati	Numru ta' infrazzjonijiet misjuba
1			
2-5			
6-10			
11-20			
21-50			
51-200			
201-500			
Aktar minn 500			

6. KAPAĊITÀ NAZZJONALI tal-INFURZAR

(a) Numru ta' uffiċjali tal-kontroll involuti f'kontrolli mat-triq u fl-istabbilimenti: .....

(b) Numru ta' uffiċjali tal-kontroll imħarrġa biex ikunu jistgħu janalizza dejta mit-takografi diġitali sew mat-triq sew fl-istabbilimenti tal-impriża: .....

(c) Numru ta' unitajiet ta' tagħmir ipprovduti lill-uffiċjali tal-kontroll sabiex ikunu jistgħu jniżżlu, jaqraw u jistħarrġu dejta mit-takografi diġitali sew mat-triq sew fl-istabbilimenti tal-impriża: .....

7. INIZJATTIVI NAZZJONALI U INTERNAZZJONALI

7.1. *Nazzjonali*

(a) Regolatorji (inkluż l-aġġornament dwar liema użu sar mill-eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 13(1))

(b) Amministrattivi

(c) Oħrajn

7.2. *Internazzjonali*

(a) Kontrolli organizzati numru f'kull sena, pajjiżi li qed jikkollaboraw

(b) Skambji ta' esperjenza, dejta, persunal: numru ta' inizjattivi, nies, suġġetti tal-iskambju, pajjiżi li qed jikkollaboraw

8. SANZJONIJIET

8.1. *Skali fis-sena ta' referenza*

8.2. *Bidliet*

(a) Data u natura tal-aktar bidliet reċenti (ibbażat fuq is-sena ta' referenza)

(b) Referenzi amministrattivi jew legali

9. KONKLUŻJONIJIET U KUMMENTI, INKLUŻ KULL ŻVILUPP FL-OQSMA KKONĊERNATI

10. RAPPORT DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-ĦIN TAX-XOGĦOL 2002/15/KE

Din it-taqsima għandha ġeneralment tinkludi tagħrif dwar:

— kif tfassal ir-rapport, liema partijiet ġew ikkonsultati

— l-implimentazzjoni [*il-qagħda legali, kif it-traspożizzjoni biddlet il-qagħda legali preċedenti fir-rigward tal-ħin tax-xogħol, diffikultajiet speċifiċi li qamu minħabba l-applikazzjoni tad-Direttiva, miżuri meħuda bħala tweġiba għal dawn id-diffikultajiet, miżuri anċillari għall-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni*],

— il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni [*korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli, metodi użati għall-monitoraġġ, problemi li qamu u s-soluzzjonijiet applikati*],

— l-interpretazzjoni ġuridika [*uri jekk kienx hemm sentenzi tal-qrati fuq livell nazzjonali li jinterpretaw jew japplikaw id-Direttiva dwar kwistjonijiet sinifikanti, x'kienu l-punti ġuridiċi ewlenin dwar il-kwistjoni*],

— valutazzjoni tal-effettività [*dejta użata sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri tat-traspożizzjoni, aspetti pożittivi u negattivi tal-implimentazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni*],

— prospettiva [*prijoritajiet fil-qasam tematiku, suġġerimenti għal adattamenti jew emendi għad-Direttiva li jiddikjaraw ir-raġuni, jindikaw bidliet meqjusa bħala meħtieġa għall-progress tekniku, suġġerimenti għal miżuri anċillari fuq il-livell tal-UE*].

11. PERSUNA RESPONSABBLI GĦALL-KUMPILAZZJONI TA' DAN IR-RAPPORT

Isem: .....

Pożizzjoni: .....

Organizzazzjoni: .....

Indirizz amministrattiv: .....

Tel..fax .....

e-mail: .....

Data: .....